


## 40 Sena tal-Miġja ta' l-Istatwa ta' Santa Rita fil-knisja ta' Santu Rokku f'B'Kara

**Kitba ta' John Tonna**



Nhar it-28 ta' Ġunju tas-sena d-dieħla l-istatwa ta' Santa Rita meqjuma fil-Knisja ta' Santu Rokku tagħlaq erbgħin sena minn meta ir-Rev.mu Prepostu Ignazio Sciberras Psaila, Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena, bierek din l-istatwa fil-kappella tad-Duluri it-Tnejn 28 ta' Ġunuju 1965. Wara, l-istatwa ttellgħet f'pellegrinaġġ għall-knisja ta' Santu Rokku li llum din il-knisja saret is-Santwarju ta' Santa Rita. Għalhekk qegħdin nippreparaw festi sbieħ biex infakkru din il-ġrajja.

Il-Qdusija tiegħu l-Papa għoġbu jdaħħal fil-Missal Ruman il-ġdid il-jum liturġiku tal-festa ta' Santa Rita u xtaqt li nirringrazzjah personalment meta ġie Malta xi snin ilu. Iżda ma kienx hemm ċans li jirnexxieli dan għax hawn Malta in-nies ikunu magħżula biex jiltaqgħu miegħu. Iżda Santa Rita wrietni kif għandi nagħmel dan.

Fl-1981 meta l-Knisja kienet qegħda tfakkar is-sitt mitt sena tat-twelid ta' Santa Rita, il-Qdusija tiegħu l-Papa Giovanni Pawlu II ried iżur il-ġisem tagħha li għadu mhux minsus ġewwa Cascia. Iżda ġara li fit-13 ta' Mejju ta' l-isess xahar, il-Papa ġied milqut minn sparatura fil-Pjazza San Pietru u għalhekk din il-viżta tal-Papa lil Santa Rita tħassret. Fis-sena 2000 f'għeluq il-mitt sena tal-qdusija ta' Santa Rita, din il-qaddisa marret hi fejn il-Papa. Ġie għalhekk meħud il-ġisem tagħha fuq helicopter għall-Pjazza San Pietru. Il-Papa taha ġieh u qima f'din l-okkażjoni.




Jien tgħallimt minn din l-okkażjoni u għidt, "Nagħmel bħal Santa Rita; F'pajjiżi ma ltqajtx miegħu personali iżda mmur ħdejh jien bħal Santa Rita". Santa Rita hija l-Qaddisa ta' l-Impossibli. Irnexxieli meta nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2003, jien, għan-nom tal-Komunita` ta' Santu Rokku u l-kanonku Dun Etienne Sciberras għan-nom tal-Kapitlu Elenjan, irringrazzjajna lill-Papa personalment u offrejnielu frame tal-fidda bix-xbieha ta' Santa Rita. Il-Qdusija Tiegħu l-Papa bierek il-karlotta (dik il-ħaġa bajda li jilbes fuq rasu) li jilbes hu u rregalahielna lura. Kienet okkażjoni wkoll li żorna l-Papa waqt il-festi li kien qiegħed jiċċelebra fl-okkażjoni tal-25 sena tal-Pontifikat tiegħu.